



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

15154/19

AGRI 622
VETER 113

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Il-passi li jmiss kif jiġu indirizzati u skoraġġuti aħjar prattiki frawdolenti fil-katina agroalimentari

- *Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Diċembru 2019)*

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq adottati mill-Kunsill fis-16 ta' Diċembru 2019.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-PASSI LI JMISS KIF JIĠU INDIRIZZATI
U SKORAĠĠUTI AĦJAR PRATTIKI FRAWDOLENTI FIL-KATINA AGROALIMENTARI**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- (1) IFAKKAR li livell għoli ta' protezzjoni huwa objettiv ġenerali tal-politiki tal-UE dwar is-saħħa, is-sigurtà, il-ħarsien tal-ambjent u l-protezzjoni tal-konsumatur, kif stabbilit fl-Artikoli 114 u 168 tat-TFUE.
- (2) IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2014 dwar ir-rwol tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra l-kriminalità fil-qasam alimentari¹.
- (3) JINNOTA BI TĦASSIB li prattiki frawdolenti fil-katina agroalimentari (frodi alimentari) spiss iwasslu għal riskji għas-saħħa pubblika u/jew telf finanzjarju għall-konsumaturi u/jew għall-operaturi. Dan jista' jirriżulta wkoll f'telf ta' fiduċja fl-awtoritajiet kompetenti u fil-katina agroalimentari iġġenerali. Bħala konsegwenza, il-frodi alimentari thedded is-sikurezza alimentari u l-funzjonament effettiv tas-suq intern u għandha l-potenzjal li jkollha impatti sinifikanti fuq is-saħħa pubblika, il-protezzjoni tal-konsumatur u l-kummerċ leġittimu. L-ispiża tal-prattiki frawdolenti għall-industrija alimentari globali ġiet stmata għal madwar EUR 30 biljun kull sena.
- (4) IFAKKAR li l-prattiki frawdolenti huma fenomenu soċjali estensiv peress li spiss huma assoċjati ma' forom oħra ta' kriminalità, bħall-ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema, il-frodi tat-taxxa, il-kriminalità ambjentali, it-traffikar tad-droga u l-ħasil tal-flus. Jistgħu jiffurmaw ukoll parti minn kriminalità organizzata.

¹ 15908/14

- (5) JAQBEL mal-Kummissjoni li l-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-operaturi ta' negozji agroalimentari kontra prattiki frawdolenti minn negozji diżonesti hija sfida li teħtieġ aktar kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet rilevanti, kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni "Is-Suq Uniku f'dinja li qed tinbidel - Assi uniku li jeħtieġ impenn politiku mġedded"².
- (6) JISSOTTOLINJA li kwalunkwe azzjoni ta' suċċess biex tiġi indirizzata l-frodi alimentari jeħtieġ li tkun ibbażata fuq skambju rapidu u effettiv tal-informazzjoni rilevanti, rapportar xieraq u kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet fi ħdan l-Istati Membri kif ukoll bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.
- (7) JENFASIZZA li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' kontroll tal-ikel u l-ġhalf tul il-katina agroalimentari kollha hija prerekwiżit għall-ġlieda kontra l-frodi alimentari, iżda din mhijiex biżżejjed. Fejn meħtieġ, il-kooperazzjoni għandha tkopri wkoll l-awtoritajiet involuti fil-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja, u tinkludi l-awtoritajiet tat-taxxa, doganali, tal-pulizija u tal-prosekuzzjoni u awtoritajiet oħra tal-infurzar tal-liġi, kif ukoll korpi bħall-amministrazzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.
- (8) JILQA' l-azzjonijiet varji li diġà ħadet il-Kummissjoni dwar il-frodi alimentari wara l-iskandlu tal-laħam taż-żiemel fl-2013. Dawn jinkludu, b'mod partikolari, l-istabbiliment tan-Netwerk tal-Frodi Alimentari tal-UE u s-sistema ta' Assistenza u Kooperazzjoni Amministrattivi (AAC), li ppermettew skambju rapidu ta' informazzjoni dwar każijiet transfruntiera potenzjali ta' frodi, id-deżinjazzjoni taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) bħala ċ-Ċentru ta' Għarfien dwar il-Frodi Alimentari, u t-titjib għall-kondiviżjoni tad-data waqt u wara l-inċident tal-Fipronil fl-2017.
- (9) JILQA' d-diskussjonijiet li saru fin-Netwerk tal-Frodi Alimentari f'April 2019 dwar l-isfidi fil-ġlieda kontra l-frodi alimentari mqajma mill-Kummissjoni, u l-involvement tal-Kummissjoni u l-Istati Membri f'inizjattiva konġunta tal-Europol/Interpol, u JIEĦU NOTA tal-OPSON, li timmira lejn it-traffikar ta' ikel u xorb iffalsifikati u ta' standard baxx, u r-riżultati tal-operazzjoni OPSON VIII³, li n-Netwerk tal-Frodi Alimentari tal-UE kkontribwixxa għaliha, li ġiet imfassla biex tiġi identifikata frodi fis-settur organiku.

² 14633/18 + ADD1

³ <https://www.europol.europa.eu/newsroom/news/over-€100-million-worth-of-fake-food-and-drinks-seized-in-latest-europol-interpol-operation>

- (10) JIRRIKONOXXI li l-qafas legali attwali fil-livell tal-UE, b'mod ġenerali, huwa adegwat biex tiġi indirizzata l-frodi alimentari u JENFASIZZA, b'mod partikolari, l-importanza tal-għodod il-ġodda biex tiġi indirizzata l-frodi alimentari fil-qasam veterinarju u tas-sikurezza alimentari pprovduti mir-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-Kontrolli Uffiċjali (ir-Regolament OCR)⁴ u JINNOTA li għad hemm sfidi, bħall-ħtieġa ta' għarfien espert speċjali u approċċ internazzjonali dwar l-infurzar ta' kontrolli fuq il-bejgħ fuq l-internet.
- (11) JINNOTA li minkejja l-azzjoni li diġà ttieħdet, huma meħtieġa aktar azzjonijiet biex jinstabu modi kif tiġi indirizzata u skoraġġuta l-frodi alimentari b'mod aktar effettiv kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll fil-livell tal-UE.

JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex,

- (12) min-naħa tagħhom, jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE, b'mod partikolari r-Regolament OCR u d-"Direttiva dwar l-Informaturi" li ġiet adottata reċentement⁵;
- (13) itejbu l-fehim komuni tal-kriterji li jiddeterminaw frodi alimentari u jkomplu l-isforzi tagħhom biex, fil-livell tal-UE, tinkiseb definizzjoni legali ta' frodi alimentari;
- (14) jippermettu, jippromwovu u jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti fil-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali;
- (15) isaħħu s-sistemi u l-prattiki attwali għall-iskambju ta' informazzjoni dwar każijiet transfruntiera potenzjali ta' frodi alimentari;
- (16) jiċċaraw ir-responsabbiltajiet legali fuq l-operaturi ta' negozji agroalimentari fir-rigward tal-frodi alimentari u jiżviluppaw għodod aktar effiċjenti biex jippromwovu l-operaturi ta' negozji agroalimentari biex jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar każijiet suspettati u/jew identifikati ta' frodi alimentari mingħajr ma joħolqu piż amministrattiv eċċessiv;

⁴ ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1

⁵ Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni, PE-CONS 78/19 (ĠU L 305, 26.11.2019)

- (17) jippromwovu s-sensibilizzazzjoni fost il-konsumaturi dwar l-isfidi marbutin mal-bejgħ fuq l-internet.

JAPPELLA lill-Istati Membri biex

- (18) isaħħu l-kompetenzi tagħhom dwar il-prevenzjoni u l-investigazzjoni ta' frodi alimentari u l-identifikazzjoni effettiva tar-riskji emerġenti;
- (19) jallokaw riżorsi adegwati għall-prevenzjoni u l-investigazzjoni ta' frodi alimentari;
- (20) jiżguraw li l-leġislazzjoni nazzjonali tippermetti kooperazzjoni proattiva bejn l-awtoritajiet rilevanti u li l-penali għall-frodi alimentari jkunu severi biżżejjed biex jaġixxu bħala deterrent għall-kriminalità u jħeġġu l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki (eż. f'memorandum ta' qbil) bejn l-awtoritajiet rilevanti;
- (21) jappoġġaw u jiggwidaw lill-operaturi ta' negozji agroalimentari biex jiżviluppaw is-sistemi tagħhom tal-immaniġġar u l-kontroll tal-kwalità tas-sikurezza alimentari bl-għan li jidentifikaw u jittrattaw il-frodi alimentari, *b'żieda* mas-sikurezza alimentari u devjazzjonijiet fil-kwalità.

JAPPELLA lill-Kummissjoni biex

- (22) tiżgura l-allokazzjoni ta' riżorsi adegwati għall-azzjonijiet ikkoordinati meħtieġa marbutin mal-frodi alimentari, tanalizza l-istrutturi eżistenti tal-UE għall-investigazzjoni u l-kontroll tal-frodi alimentari sabiex tiddetermina jekk hemmx bżonn li jiġu aġġornati l-mandati tagħhom jew sabiex torganizza mill-ġdid l-operazzjonijiet għal azzjonijiet ikkoordinati marbutin mal-frodi alimentari fil-livell tal-UE, filwaqt li tqis ir-responsabbiltà ta' kull Stat Membru li jieħu azzjoni primarja;
- (23) tkompli u twessa' t-taħriġ dwar il-ġlieda kontra l-frodi alimentari permezz tal-programm għat-Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel (BTSF) u b'mod speċjali biex l-awtoritajiet rilevanti kollha involuti fil-ġlieda kontra l-frodi alimentari jkunu jistgħu jipparteċipaw;

- (24) tiżgura l-istabbiliment taċ-ċentri ta' referenza tal-UE għall-awtentiċità u l-integrità tal-katina agroalimentari, f'konformità mar-Regolament OCR;
- (25) tkompli bi pjanijiet ta' kontroll ikkoordinati dwar l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' frodi alimentari;
- (26) ittejjeb il-komunikazzjoni bejn sistemi ta' informazzjoni bħas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF) u l-AAC permezz ta' implimentazzjoni effettiva tas-Sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali (IMSOC), u tesplora l-applikazzjoni tagħhom biex tiġi miġġielda l-frodi alimentari filwaqt li tingħata attenzjoni xierqa għall-kunfidenzjalità meħtieġa fi proċedimenti ġudizzjarji;
- (27) tesplora kif tista' tqis aħjar l-informazzjoni li tkun ġejja minn jew tkun ipprovduta minn operaturi ta' negozji agroalimentari fl-attivitajiet tan-Netwerk tal-Frodi Alimentari;
- (28) tesplora r-rwol konsultattiv u ta' koordinazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-infurzar tal-kontrolli fuq il-bejgħ fuq l-internet;
- (29) tivvaluta l-ħtieġa li jissaħħu r-regoli u l-gwida dwar it-traċċabilità, eż. il-ħtieġa għal rekwiżiti aktar stretti għal dokumentazzjoni dwar it-traċċabbiltà;
- (30) tkompli tiżviluppa strateġija integrata kontra l-frodi alimentari.